MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1669/2000/1

**Gorg u Miriam konjugi Borg.**

**-vs-**

**Michael Calleja.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-8 t' Awwissu, 2000 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' elf mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm1,244.00c0)

rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' bejgh u kunsinna ta' xghir tal-birra ghall-baqar u trasport.

Illi ghalkemm l-atturi sejhu diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallashom l-ammont imsemmi dan baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' elf mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm1,244.00c0) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' bejgh u kunsinna ta' xghir tal-birra ghall-baqar, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont imsemmi jew kull somma ohra verjuri li tirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-13 ta' Gunju 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-istess ittra sad-data tal-hlas eventwali, kollha kontra l-konvenut li humwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa minn Miriam Borg u l-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fid-29 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2148 (b) Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talba ta' l-atturi hija ghal kollox indondata kemm fattwalment kif ukoll legalment u ghalhekk ghandha tigi respinta fil-konfront tal-eccippjent;

3. Illi l-atturi ghandhom qabel xejn igibu l-prova u jaghtu aktar dettal fuq il-konsenji li kienu saru u li allegatament ma gewx imhallsa in vista tal-fatt li l-eccipjent ma jafx ghal liema huma qed jirreferu stante li skond l-istess konvenut, huwa kellu kollox saldat meta kien waqaf li jgib xghir minghand l-atturi cirka hames snin ilu;

4. B' riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala l-bzonn waqt l-ismiegh ta' dawn il-proceduri;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa qed jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2148 (b) illi jghid illi *azzjonijiet ta' kreditu ghall prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mibjugha bl-imnut* jaqghu bi preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar.

Bhala provi xehdu l-konvenut ta' huh Richard Calleja. Dawn sostnew illi l-ahhar li l-atturi gabulhom ix-xghir kien sebgha snin qabel ma' xehdu. Madankollu l-konvenut ikkonferma illi fl-1997 l-attur kien hadlu xi xghir. Jirrizulta ukoll li l-attur kien baghat zewg ittri ufficcjali lill-konvenut, wahda fid-9 ta' Gunju, 1998 li l-konvenut zgur ircieva ghaliex irrispondiha b' ittra gudizzjarja hu stess fejn irrespinga l-pretensjoni tal-atturi billi qal li hu hallas dak kollhu dovut, u ohra fit-13 ta' Gunju, 2000 li ukoll giet

risposta mill-konvenut bl-istess mod. Illi ghalhekk jidher li ghalkemm permezz tal-ewwel ittra ufficali l-perjodu preskrittiv gie interott, stante li ghaddew sentejn minn dak inhar ghal meta giet prezentata t-tieni ittra ufficcjali, certament li t-tmintax il-xahar kienu ghaddew.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-bejgh in kwistjoni kien bl-imnut ghaliex l-ammonti ta' kull bejgh indikat fid-dokument esebit mill-attur a fol. 30 u 31 tal-process jindikaw ammonti relattivament zghar, u cioe' l-ikbar wiehed hu ta' mija u tlieta u tmenin Lira Maltin (Lm183) u l-inqas wiehed ta' wiehed u sittin Lira Maltin (Lm61).

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talba attrici stante li hija preskritta, bl-ispejjez jigu sopportati mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------